# STQARRIJA MINISTERJALI MILL-MINISTRU GĦALL-FINANZI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-GVERN FIR-RIGWARD TAL-*ANTI-TAX AVOIDANCE PACKAGE* PPUBBLIKAT MILL-KUMMISSJONI EWROPEA

Hekk kif kien mistenni, u kif kien mħabbar aktar kmieni, il-Kummissjoni Ewropea ippubblikat l-hekk imsejjaħ Anti-Tax Avoidance Package. Dan il-pakkett li fih seba' dokumenti ġie ppubblikat il-Ħamis li għadda, 28 ta' Jannar, 2016.

F'dan il-pakkett, wieħed jista' jsib diversi miżuri ta' natura varja li skont il-Kummissjoni Ewropea huma meħtieġa sabiex l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jkunu jistgħu jiġġieldu b'mod effettiv u effiċjenti l-evażjoni u l-abbuż fit-tassazzjoni minn kumpaniji stabbiliti fl-Unjoni Ewropea. Fl-istess ħin tiġi rrispettata l-liġi Ewropea filwaqt li ma tinħoloqx distruzzjoni fis-Suq Uniku (Single Market).

Dan il-pakkett huwa pass ieħor f'sensiela ta' passi li f'dawn l-aħħar snin ġew meħuda fix-xena internazzjonali. Passi li nistgħu ngħidu li bdew fl-1998 fi ħdan l-OECD bir-rapport imsejjaħ "Harmful Tax Competition" u fi ħdan l-Unjoni Ewropea bit-twaqqif tal-Code on Conduct Group (Business Taxation). Minn dak iż-żmien 'l hawn ġew mwettqa diversi miżuri, l-aktar dwar it-trasparenza fit-tassazzjoni.

Aktar riċenti, fil-5 ta' Ottubru li għadda, l-OECD ippubblikat ħmistax -il rapport fl-hekk imsejjaħ proġett dwar il-BEPS. Dan hu proġett pjuttost kbir li rriżulta f'numru ta' rakkomandazzjonijiet sabiex jkun hemm tibdil fis-sistema internazzjonali fil-kamp tat-taxxa tal-kumpaniji biex ma tiskuraġġix il-prattiċi u s-sistemi li jwasslu għat-tnaqqir u erożjoni tal-bażi tat-taxxa u l-moviment tal-profitti (Base Erosion and Profit Shifting).

Il-pakkett ippubblikat il-ġimgħa l-oħra mill-Kummissjoni Ewropea jipproponi diversi miżuri, ħafna minnhom meħuda mir-rapporti tal-OECD tal-BEPS u minn proġett ieħor fi ħdan l-Unjoni Ewropea, jiġifieri, l-proġett tas-CCCTB (Common Consolidated Corporate Tax Base) dwar sistemi biex iħarsu kontra l-evażjoni tat-taxxa minn kumpaniji. Dan il-pakkett jikkonsisti f'dokumenti li jinkludu proposti differenti leġiżlattivi u oħrajn f'forma ta' rakkomandazzjonijiet. Jinkludi wkoll dokumenti b'komunikazzjoni u studji.
Karatteristiċi ewlenin ta' dawn il-proposti l-ġodda jinkludu :

- miżuri leġiżlattivi li jimblukkaw l-aktar metodi komuni użati mill-kumpaniji biex jevitaw li jħallsu taxxa (Anti-Tax Avoidance Directive);
- Rakkomandazzjoni lill-Istati Membri dwar kif jipprevjenju l-abbuż mill-ftehim dwar it-taxxa doppja (*double taxation agreements*);
- Proposta għall-Istati Membri sabiex jaqsmu l-informazzjoni relatata mat-taxxa fuq kumpaniji multinazzjonali li joperaw fl-Unjoni Ewropea (Country-by-Country Reporting);
- Azzjonijiet li jippromwovu l-governanza tajba tat-taxxa internazzjonalment;
- Proċess ġdid tal-Unjoni Ewropea għall-elenkar ta' pajjiżi terzi li jirrifjutaw li jużaw sistemi li jkunu *fair* (ġusti) (*blacklisting*).

Bħalissa, il-gvern qiegħed jistudja fid-dettall dawn id-dokumenti sabiex jasal għal konklużjonijiet dwar l-effett li l-proposti magħmula mill-Kummissjoni Ewropea jista' jkollhom fuq l-ekonomija ta' pajjiżna.

Mal-ewwel daqqa t'għajn, jidher li hemm proposti li nistgħu nilqgħuhom u oħrajn li jistgħu jmorru lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan li tiġi miġġielda l-evażjoni u l-abbuż fil-kamp tat-taxxa b'mod komuni. Importanti li ngħidu, iżda, li għadu kmieni wisq biex wieħed jasal f'pożizzjoni konkreta dwar dawn il-proposti kollha. Aktar studju bir-reqqa għad jrid isir f'dan ir-rigward.

Sfortunatament, il-Kummissjoni Ewropea għażlet li ma tagħmilx *impact assessment* dwar l-effett tal-proposta dwar Direttiva ġdida (l-hekk imsejħa Anti-Tax Avoidance Directive) fuq l-Unjoni Ewropea kif is-soltu jsir f'każijiet simili. Il-Kummissjoni Ewropea semmiet diversi raġunijiet għaliex dan l-Impact Assessment ma sarx. Min-naħa tagħna, aħna jidhrilna li dawn ir-raġunijiet mhumiex ġustifikati biżżejjed għal dan in-nuqqas. Għal din ir-raġuni, u peress li issa jidher ċar u iktar preċiż fejn trid tmur il-Kummissjoni, il-Gvern ser jikkummisjona Impact Assessment għal Malta sabiex ikollna stampa aktar ċara ta' kif dawn il-proposti f'dan il-pakkett jistgħu jaffetwaw l-ekonomija Maltija.

F'dan l-istadju, allura, jkun għaqli jekk wieħed joqgħod lura milli jagħmel spekulazzjoni mingħajr bażi. Nixtieq ninforma li d-diskussjonijiet se jkunu għaddejjin mal-*istakeholders* kollha, inkluż mal-Oppożizzjoni u ma' operaturi fis-setturi kkonċernati. Infakkar hawnhekk li fil-Ministeru tiegħi jiltaqa' l-grupp ta' ħidma dwar is-servizzi finanzjarji ċċerjat minn-Nutar Charles Mangion.

Sew il-Gvern Malti kif ukoll l-Oppożizzjoni aħna impenjati sabiex niddefendu l-interessi ta' Malta fl-Ewropa u għaldaqstant aħna ser ningaġġaw fid-diskussjonijiet mal-Istati Membri l-oħra u mal-Kummissjoni Ewropea dwar dan is-suġġett.

Nixtieq ngħid ukoll li l-Gvern diġà ħa ħsieb jagħmel laqgħat mal-Kummissjoni Ewropea kif ukoll ma' gvernijiet oħra Ewropej b'mod bilaterali dwar din il-materja u beħsiebna nkomplu nagħmlu dak kollu li huwa possibbli sabiex nassiguraw li l-interessi ta' Malta jiġu mħarsa fi kwalunkwe qbil li jista' jintlaħaq fil-Kunsill Ewropew fuq dan il-pakkett.

Fil-fatt waqt il-Kunsill Ministerjali tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji Ewropej (ECOFIN) fi Brussell, f'Diċembru 2015, kont tkellimt dwar kif filwaqt li Malta tqis il-ħidma tal-OECD fil-qasam tat-tassazzjoni f'dawl pożittiv u qed tistudja r-riżultati tiegħu, għandha tħassib dwar jekk dawn ir-regoli jiġux attwati b'mod riġidu u ugwali għall-pajjiżi kollha.

Għidt li l-OECD innifisha tirrikonoxxi element ta' flessibilità u għalhekk Malta tistenna li din il-flessibilità għandha tinżamm mill-Kummissjoni Ewropea meta tkun ser tagħti l-proposti tagħha dwar il-BEPS.

Riżultat ta' hekk ir-Riżoluzzjoni li l-ECOFIN kellu quddiemu ġiet emendata fuq l-insistenza ta' Malta, li ipproponiet l-inklużjoni tal-frażi "approċċ komuni iżda flessibbli" fil-Konklużjoni tal-Kunsill dwar il-BEPS.

Fir-rigward tar-referenza għal-livell effettiv ta' tassazzjoni fl-UE fil-Konklużjoni tal-Kunsill dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Code of Conduct), Malta ukoll kisbet kunsens għall-inklużjoni ta' emenda li biha jibqgħu jinżammu l-kompetenzi nazzjonali dwar il-kwistjoni.

Kien ta' sodisfazzjon għalina li nstab kompromess aċċettabbli f'dawn iż-żewġ każijiet.

Wara din il-laqgħa tal-ECOFIN mexxejt delegazzjoni għal-laqgħa bilaterali mal-Kummissarju Ewropew għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, Tassazzjoni u d-Dwana, Pierre Moscovici. Il-laqgħa saret nhar il-Ġimgħa 15 ta' Jannar 2016 fi Brussell. Hemmhekk għamilnieha ċara li filwaqt li pajjiżna lest li jikkoopera biex jintlaħaq ftehim, dan ma jkunx qed jinvolvi xi bidla fis-sistema ta' tassazzjoni Maltija, sistema li ġiet evalwata fil-passat (bejn l-2004 and l-2006) mill-Code of Conduct Group u misjuba leġittima u timxi mar-regoli tal-Unjoni Ewropea. Malta tibqa' tisħaq li l-kompetenzi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tat-tassazzjoni għandhom jibqgħu jiġu mħarsa billi jinżamm il-mod kif jittieħdu d-deċiżjonijiet konsenswali fl-UE. Dwar dan ir-*red line* għamiltha ċara li sew il-Prim Ministru kif ukoll il-Kap tal-Oppożizzjoni għamlu stqarrijiet pubbliċi dwar dan.

Aħna nemmnu li rati ta' tassazzjoni aktar baxxa – meta mqabbla ma ġurisdizzjonijiet oħra – fihom infushom ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħala abbużivi, ta' ħsara jew inġusti.

Laqgħa oħra bilaterali aktar reċenti seħħet nhar il-Ħamis li għadda f'The Hague, l-Olanda, fejn id-delegazzjoni li mexxejt iltaqgħet mal-Ministru tal-Finanzi Olandiż Jeroen Dijsselbloem, flimkien mas-Segretarju tal-Istat Eric Wiebes.

Id-diskussjonijiet kienu miftuħa u kordjali fejn ġew koperti għadd ta' suġġetti li jaffettwaw iż-Żona Ewro, bil-politika tat-tassazzjoni tkun prinċipali fuq l-aġenda, speċjalment kif tolqot liż-żewġ pajjiżi. Malta hija soda fit-twemmin li l-kompetenzi fil-qasam tat-tassazzjoni għandhom jibqgħu kompetenzi nazzjonali u jibqgħu jiġu diskussi permezz ta' proċess konsenswali fl-UE. Iż-żewġ partijiet qablu wkoll li kwalunkwe soluzzjoni jeħtieġ li jkollha perjodu ta' implimentazzjoni gradwali biex ma toħloqx inċertezzi fost il-kumpaniji li joperaw fl-Ewropa u b'hekk jitgerrxu u jmorru jistabbilixxu ruħhom f'pajjiżi terzi.

Mr Speaker, bħala konklużjoni nerġgħu ntennu l-pożizzjoni ta' pajjiżna fil-konfront ta' dan il-pakkett fit-totalità tiegħu. Malta lesta li tikkoopera biex jintlaħaq ftehim bħalma għamlet fil-passat fejn jirrigwardja t-trasparenza u l-bdil ta' informazzjoni fuq it-taxxa mal-Awtoritajiet tat-Taxxa ta' pajjiż ieħor li miegħu għandna ftehim. Dan jinkludu l-Membri Stati kollha tal-Unjoni Ewropea. Dan għaliex Malta hija kontra l-evażjoni tat-taxxa sew jekk tiġi minn individwi u sew minn kumpaniji.

Min-naħa l-oħra m'aħniex lesti li nċedu għal xi armonizzazzjoni tar-rati tat-taxxa jew xi tibdil fis-sistema tat-taxxa ta' pajjiżna magħrufa bħala *full imputation system*. Dan kien u jibqa' argument bażiku u kruċjali għalina. Mhu ser inħallu lil ħadd jaqsam din il-linja ħamra li kienet u tibqa' għall-parlament nazzjonali li jiddeċidiha.